Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 123 / 2018

Il-Pulizja

Spettur Dennis Theuma

Vs

Lindsey Zammit

Illum 5 ta' Ottubru, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta, Lindsey Zammit detentrici tal-karta tal-identita Maltija 407285 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

F' dawn il-Gzejjer fl-24 ta' April 2012:

Ipproduciet, bieghet jew xort' ohra traffikat ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex dan il-kaz jinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-28 ta' Frar, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8 (b), 22 (1) (a) u 22 (2) (b) (i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, sabet lill-imputata Lindsey Zammit (ID 407285 (M)) hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u ikkundannata ghall-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mija u hamsin ewro (€950) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14 (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hatja f' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B' dan illi jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f' piena ta' prigunerija skont il-ligi.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnesi mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, hamsa u hamsin ewro, sebgha u erbghin centezmu (€155.47), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien xahrejn mil-lum.

Ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanta Lindsey Zammit, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Marzu, 2018, fejn talab lill-din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata u tiddikjara mhux hatja tal-imputazzjoni hekk kif dedotta kontra taghha u minghajr pregudizzju ghas-suespost, u b' mod sussidjarju, fl-eventwalita' li tikkonferma l-htija kif inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, li tibdel il-piena mposta, b' piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

## A. <u>Dwar l-apprezzament tal-provi</u>

### A.1 Dwar In-Ness bejn l-Esponenti u s-Sustanza illecita

Permezz tas-sentenza mertu ta' dan l-umli appell, l-esponenti nstabet hatja tar-reat tat-traffikar tad-droga Cannabis hekk kif stipulat taht l-artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Tali artikolu jistipula:

*"Ikun hati ta' reat kontra din l-Ordinanza kull min –*

*(b) ipproduci, ibigh jew xort' ohra jittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew f' xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza"*

Illi a bazi tal-artikolu 22B tal-kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta *"l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b' riferenza ghal traffikar f' medicina, tinkludi l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f' dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza."*

Illi sabiex l-esponenti setghet tinstab hatja ta' dan ir-reat, il-Prosekuzzjoni kellha l-obbligu legali li tipprova n-ness bejn l-esponenti u s-sustanza misjuba fuq il-persuna ta' Emanuel Pace lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni[1].

Sabiex tipprova dan in-ness, li fl-umli fehma tal-esponenti, huwa l-pern tar-reat li bih instabet hatja l-esponenti, il-Prosekuzzjoni u eventwalment l-ewwel Onorabbli Qorti ghazlet li tistrieh kompletament fuq id-depozizzjoni ta' Ex PC1474 Lawrence Scerri nhar il-21 ta' Frar, 2014[2].

Ghandu jigi mfakkar illi ghalkemm l-artikolu 638(2) jistipula illi:

[1] Vide passim. ' Il-Pulizija vs Dylan Agius deciza nhar it-8 ta' Lulju, 2016 per Mag. Dr. N. Galea Sciberras
[2] A fol. 17 et. seq. tal-Atti Processwali

*B' dan kollu, f' kull kaz; ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar.*

bir-rispett jinghadd illi xhud wiehed ikun bizzejjed u l-Qorti tkun tista' ssejjes id-decizjoni taghha fuq id-depozizzjoni tal-istess xhud, **JEKK**:

i. Id-deposizzjoni tal-imsemmi xhud tkun wahda li ma thalli l-ebda dubju f' mohh il-gudikant;
ii. Jekk jithalla xi dubju; jingiebu aktar provi li jsostnu l-istess deposizzjoni u jeliminaw kwalunkwe dubju;
iii. F' kaz li d-dubju ma jigix meghlub, a bazi tal-massima legali ' *in dubio pro reo'* tali dubju ghandu jigi interpretat favur l-akkuzat.

Illi ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza kkontestata stqarret illi "in kwantu dak li huwa [b' referenza ghal Ex PC 1474] jghid illi ra li kien sehh bejn l-imputata u Pace, ix-xhud [u cioe Ex PC 1474] ma wera assolutament l-ebda titubanza, dubju jew incertezza"[3], l-esponenti b' umilta u b' rispett ma tistax taqbel ma' tali dikjarazzjoni.

Meta wiehed jifli d-deposizzjoni ta' Ex PC 1474 Lawrence Scerri ta' nhar il-21 ta' Frar, 2014, wiehed jinnota illi ghalkemm il-kaz tal-Prosekuzzjoni huwa bbazzat kollu kemm hu fuq dan ix-xhud; tali xhieda hija altru milli univoka, imma l-oppost u cioe' mibnija u mghobbija b' ekwivoci.

Fil-fatt meta PC 1474 gie mistoqsi mistoqsijiet pertinenti u li fuqhom huwa msejjes il-kaz tal-Prosekuzzjoni x-xhud ikkundizjona u kkwalifika x-xhieda tieghu bi frazijiet bhal "jekk mhux qed nizbalja"[4], "nahseb"[5] u "jekk niftakar sew."[6]

Bl-uzu ta' dawn il-frazijiet mill-kuntistabbli juru kif l-asserzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti li dan ix-xhud "ma weriex titubanza, dubbju jew incertezz" hija asserzjoni u konkluzjoni legalment u fattwalment zbaljata!

[3] Vide fol. 14 tas-Sentenza Appellata
[4] Vide fol. 18 tal-Atti Processwali
[5] Vide fol. 19 tal-Atti Processwali
[6] Vide fol. 19 tal-Atti Processwali

Jigi mfakkar illi sahansitra meta PC 1474 gie muri quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti s-sustanza illi allegatament tghaddiet lil Pace mill-appellanti, PC 1474 jirrispondi "Nahseb li din kienet iva. Dan il-kobor kienet ghax ghadda hafna zmien."

Bir-rispett kollu, pero stante li hawnhekk ninsabu fil-kamp penali u fil-kamp penali, huwa rikjest mill-Prosekuzzjoni illi tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni fl-umli fehma tal-esponenti, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghat qatt tiddeciedi fuq il-"jekk", in-"nahseb" u l-"forsi" specjalment fid-dawl tal-fatt illi l-uniku xhud li allegatament ra lill-appellanti tghaddi d-droga lil Pace u meta gie biex jaghraf l-istess pakkett huwa ma setax jikkonferma dan b' certezza.

PC1474, meta huwa stess ghazel li d-deposizzjoni tieghu jghabbiha b' aggettivi ta' incertezza, jrendi d-deposizzjoni tieghu fir-relm tal-provi fuq il-livell tal-possibbli, lanqas tal-probabbli.

B' hekk l-esponenti tistaqsi kif qatt leggittimament u ragjonevolment l-Ewwel Qorti tasal sabiex temmen li l-Prosekuzzjoni b' dan ix-xhud ippruvat il-kaz taghha sal-livell tal-prova minnha mistenni skond l-obbligi legali taghha ossia c-certezza morali!!

Tkompli ssus l-esponenti, u bir-rispett tistaqsi, kif setghet qatt l-Ewwel Onorabbli Qorti tibbaza l-gudizzju taghha kompletament fuq dak li allegatament, forsi, jista jkun, possibbli li ra Ex PC 1474 meta l-istess xhud naqas milli jikkonferma b' certezza morali illi l-esebit mertu ta' din il-kawza kien l-istess wiehed mghoddi lil Pace mill-esponenti?

### A.2 Dwar il-' Best Evidence Rule' u l-Provi Prodotti

Billi l-appellanti tressqet quddiem Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u billi l-akkuzi kienu ta' natura penali, huwa principju ben stabbilit u applikat fil-gurisprudenza taghna kif ukoll dik barranija li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Jigi mfakkar illi l- Artikolu 638 (1) kal-Kodici Kriminali jistipula li

*"Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra ebda xhud li x-xiehda tieghu tkun importanti."*

*Di piu'* l-artikolu 520 (1) (d) tal-Kodici Kriminali jistipula li l-artikolu 559 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili ghandu japplika wkoll ghall-Qrati tal-gustizzja Kriminali. Artikolu 559 jistipula li:

*"Il-qorti ghandha fil-kazijiet kollha tordna li ssirilha l-ahjar prova li l-parti tista' ggib."*

Fil-kaz odjern huwa ampjament evidenti li l-' *best evidence*' li setghet iggib il-prosekuzzjoni sabiex tipprova n-ness bejnha u bejn is-sustanza illecita misjuba fuq il-persuna ta' Pace, zgur ma kienetx id-deposizzjoni ta' Ex PC 1474 stante li lanqas dan ma setgha jikkonferma b' certezza illi l-pakkett miksi fi ' *stretch and seal'* u f' karta bajda allegatemant mghoddi mill-esponenti lil Pace huwa l-istess pakkett esebit fl-atti ta' din il-kawza!

Fl-umli fehma tal-esponenti, fir-rigward ta' dan il-kaz, huwa zgur li x-xhieda ta' Ex PC 1474 mhiex bizejjed biex l-ewwel Qorti setghet tasal ghall-kundanna tal-esponenti. Dan ghandu jigi mifhum fl-ispirtu tal-artikolu 638 tal-Kodici Kriminali kif ukoll fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni setghet facilment tipproduci provi ulterjuri li jsahhu jew ahjar imerru kompletament id-deposizzjoni ta' Pace.

**A.2.1 Dwar Filmati minn CCTV Cameras**

Stante li l-incident mertu tal-kaz odjern gara, skont ix-xhieda ta' Ex PC 1474 stess, gewwa l-awla numru 2 fil-binja tal-Qorti, fid-dawl tal-fatt illi kull awla hija attrezzata b' sistema ta' CCTV Cameras, l-aqwa prova li setghet facilment iggib il-Prosekuzzjoni sabiex tikkonferma o meno l-verzjoni ta' Lawrence Scerri kif ukoll dik ta' Emanuel Pace[7] kien filmat mill-kamera tas-sigurta' tal-istess awla in kwistjoni.

[7] Vide fol. 38 et. Seq tal-Atti Processwali

Fin-nuqqas ta' dan il-filmat, fl-umli fehma tal-esponenti, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tiskarta l-verzjoni tal-incident mertu tal-kaz odjern hekk kif mistqarra minn Emanuel Pace taht gurament nhar is-7 ta' Novembru, 2014.

### A.2.2 Dwar Impronti Digitali

Fl-umli fehma tal-appellanti, prova aqwa minn dik prodotta fil-mori ta' dawk il-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti, kellhom ikunu l-*fingerprints* tal-esponenti fuq il-pakkett allegatament mghoddi mill-appellanti [li ma kienux ser jinstabu ghaliex l-esponenti ma hiex hatja].

Ghandu jigi mfakkar illi Ex PC 1474 xehed illi "wara ftit sekondi rajtha tghaddi [b' referenza ghall-esponenti] karta bajda, qisha karta ta' tissue jew toilet paper f' idejn is-Sur Pace." Illi galadarba x-xejnza tghallimna illi kull kuntatt ihalli tracca, kieku l-Prosekuzzjoni f' xi mument jew iehor talbu illi jinhatar espert, jigu elevati l-impronti tal-appellanti u jsir ezami komparattiv mar-repert esebit fil-mori ta' dawn il-proceduri, kieku kienet tigi deciza darba ghal dejjem l-ipotezi tal-Prosekuzzjoni.

Madanakollu ghalkemm il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li ggib il-provi kemm kontra kif ukoll favur l-imputata a bazi tal-artikolu 346 tal-Kodici Kriminali, tali talba baqghet qatt ma saret u galadarba l-Prosekuzzjoni fl-ebda mument ma ghamlet din it-talba, tali ipotezi baqghet qatt ma giet deciza sal-grad tac-certezza morali.

Il-fatt li l-prosekuzzjoni tul dawn il-proceduri **qatt** ma talbet li jittiehdu l-impronti digitali tal-esponenti turi kif l-istess prosekuzzjoni aktarx hija mbezza' mir-rizultanzi tal-istess!! Dubbju dan li *ex lege* jmur favur l-esponenti u mhux kontriha!!

### A.2.3 Dwar Tfittxijiet Ulterjuri fuq il-Persuni tal-Esponenti u Emanuel Pace

L-ufficjal Prosekutur Dennis Theuma fid-deposizzjoni tieghu ta' nhar il-15 ta' Novembru, 2013 jistqarr[8]:

> "Fil-fatt jiena kont fil-Qorti, kont duty officer Drug Squad, gejt infurmat u kif kont hawn hekk mort u hadt hand over. Saret tfittxija fuq il-persuna ta' Lindsey Zammit u fil-hand bag taghha nstabet roach li giet elevatata minn WPS 136 u effettivament imbaghad Lindsey Zammit tnizzlet fil-kwartieri generali tal-Pulizija…
>
> "Fuq l-allegat roach, mill-investigazzjonijiet li ghamlet il-pulizija rrizulta li fil-fatt dak ma kellu xejn ta' natura legali."

Fir-rigward ta' Emanuel Pace, tifli kemm tifli l-atti processwali min imkien ma jemergi illi saret xi forma ta' tfittxija ulterjuri fuq il-persuna tieghu ghajr li Ex PC 1474 ordna lil Pace sabiex jiftah idejh!

Fid-dawl tal-fatt illi:

1. Ex PC 1474 ma setax jikkonferma b' certezza u cioe minghajr l-ebda assunzjoni, illi effettivament il-pakkett kontenenti s-sustanza analizzata mix-Xjenzat Godwin Sammut huwa l-istess pakkett illi allegatament l-esponenti ghaddiet lil Emanuel Pace;
2. Stante li ma sar l-ebda ezami komparattiv fuq il-pakkett mertu tal-kawza odjern;
3. Stante li ma saru l-ebda tfittxijiet ulterjuri fuq il-persuna ta' Emanuel Pace,

ma jista' qatt jigi kkonfermat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi effettivament l-esponenti ghaddiet lil Pace dik il-karta kontenenti s-sustanza illecita u mhux xi karta ohra!!

**A.3 Konkluzjoni**

Fid-dawl ta' dak kollu su espost, l-appellanti umilment tishaq li hemm ferm iktar minn semplicement *a lurking doubt* dwar jekk saritx ingustizzja fil-konfront taghha.

[8] Fol. 8 et. Seq. tal-Atti Processwali

L-esponenti bir-rispett tishaqq illi r-ragunijiet moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti ghas-sejbien tal-htija ma jistghu qatt jigi accettati stante li l-ewwel Onorabbli Qorti, waqt l-exercizzju taghha tal-apprezzament tal-provi, naqset milli tiehu konjizzjoni ta' diversi nuqqasijiet fl-evidenza prodotta mill-Prosekuzzjoni, nuqqasijiet illi kellhom jigi interpretati favur l-appellanti.

A bazi ta' dawn in-nuqqasijiet, l-esponenti umilment tishaqq illi fil-kaz odjern is-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti mhux '*safe and satisfactory*' stante li meta jigu kkunsidrati il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni jinholoq dubju ragjonevoli. Il-'*lurking doubt*' li ghalih jirreferu Blackstone, Archibold u l-gurisprudenza nostrana evidentement jezisti fil-kaz odjern u dan fid-dawl tal-fatt illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex tilhaq il-livell rikjest mil-Ligi u cioe dak ta' '*beyond reasonable time*'

**B. <u>Dwar il-Piena</u>**

**B.1 Dwar it-Trapass ta' Zmien**

Minghajr pregudizzju ghal dak kollu su espost u fl-eventwalita' biss li l-punti precedenti jigu skartati minn dina l-Onorabbli Qorti, l-esponenti hija tal-fehma li diversi cirkustanzi ghandhom ikunu ikkunsidrati ghall-fini ta' piena.

Fid-dawl tat-trapass taz-zmien illi ghadda mill-fatti mertu tal-kaz odjern ghas-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti, l-esponenti thoss illi l-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija hekk kif inflitta fuqha mill-Ewwel Onorabbbli Qorti hija harxa wisq.

Ghandu jigi mfakkar illi l-incident mertu tal-kaz sehh fl-2012 u stante li tali procedure ntemmu nhar it-28 ta' Frar, 2018 **<u>jemergi illi l-esponenti ila tistenna li ssir gustizzja maghha ghal madwar sitt snin.</u>**

<u>I</u>lli f' dan l-istadju ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi'</u>** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar id-29 ta' Jannar, 2001, fejn l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali rreteniet illi:

**"It-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill- ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma."**

*Oltre* minn hekk, meta wiehed iqis it-trapass ta' zmien minn meta sehhew il-fatti li taw lok ghal dawn l-akkuzi u d-data tas-sentenza, ma jistax ikun li l-appellanti ma thossx ruhha aggravata bil-piena inflitta.

It-trapass wahdu, anke fuq skorta ta' kazistika tal-Qrati taghna, kellu jgib mieghu riduzzjoni tal-piena. Illi fir-rigward tat-trapass taz-zmien, l-esponenti jaghmel referenza ghal kawza fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs. Mario Zammit'** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Novembru, 2004 per Onor. Imhallef David Scicluna. Illi f' din is-sentenza din l-Onorabbli Qorti kienet ghamlet referenza ghal kawza fl-ismijiet ' Il-Pulizija vs. Nikola Farrugia' et deciza fit-2 ta' Ottubru, 2002 u applikat il-principju segwenti:

**' Issa apparti li kif gje spjegat aktar il fuq f' din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process , il- fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati. Jista' pero ' f' xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi" (29.1.2001)"**

A bazi tas-su espost, fil-kaz odjern l-esponenti umilment tishaq illi ghandha tigi segwita din il-prassi mfahhra mill-Qorti ta' Strasbourg u l-piena erogata fil-konfront taghha ghandha tigi mnaqqsa ghal wahda aktar miti.

**B.2 Dwar il-kwantita' u l-kwalita' tad-Droga Misjuba**

Illi skond r-relazzjoni tal-ixjenzat Godwin Sammut, id-droga misjuba fuq il-persuna ta' Emanuel Pace u li allegatament giet mghoddija lilu mill-esponenti kienet tinkludi s-sustanza tetrahydrocannabinol, kella l-piz ta' 3.07 grammi u purita' ta' 7%.

Fid-dawl tas-su espost ghandu jigi nnutat illi l-piz ta' droga kien wiehed zghir b' purita' baxxa. Tant kemm tali ammont huwa wiehed minimu li l-artikolu 4 tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi fejn akkuza ta' ksur ta' ligijiet dwar id-

droga tikkonsisti f' akkuza ta' pussess semplici ta' droga projbita fi kwantita' ta' anqas minn tlieta punt hamsa grammi (3.5gr) tad-droga kannabis, irrispettivament mill-purita' , il-persuna akkuzata ghandha tkun soggetta ghal process skont l-Att dwar il-Kummissarji ghall-Gustizzja u jekk tinstab hatja tehel penali bejn ħamsin euro (€50) u mitt euro (€100).

Ghalkemm l-esponenti tifhem illi l-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta mhux applikabbli ghal kaz odjern, madanakollu tali artikolu supra riferit juri bic-car illi l-ammont tas-sustanza mertu tal-kawza odjerna huwa wiehed minimu.

Ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponenti, il-piena ta' ghaxar xhur prigunerija hija sproporzjonata u tonqos milli tirrifletti l--ammont minimu tad-droga allegatament mghoddija mill-appellanti lil Emanuel Pace.

**B.3 Dwar il-Fedina Penali tal-Esponenti u l-Aspett Riformattiv tal-Piena**

L-esponenti ssostni illi ghalkemm l-Ewwel Onorabbli Qorti kkunsidrat illi fiz-zmien mertu tal-kaz odjern kellha fedina penali netta, madanakollu fl-umli fehma tal-esponenti tali kunsiderazzjoni ma hiex rifletta fil-piena nflitta.

*In oltre* fl-umli fehma tal-esponenti il-piena hekk kif nflitta ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv tal-hati.

Illi *di piu'* l-appellanti taghmel referenza ghas-sentenza tal-5 ta' Mejju, 2008, fl-ismijiet **' Il-Pulizija vs Marco Galea'** , fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha quddiemha zaghzugh ta' erba' u ghoxrin sena, b' fedina penali netta, li hlief ghal okkazjoni wahda biss sitt snin qabel (li ghaliha tressaq quddiem il-Qorti) meta, f' mument ta' sbandament temporanju f' hajtu, huwa ssokkomba ghal talba li ghamlitlu habiba tieghu biex jixtrilha doza erojina. Il-Qorti tal-Appell irriteniet illi:

> "*Jidher ghalhekk li din il-Qorti ghandha quddiemha kaz eccezzjonali fejn, fil-fehma kunsidrata taghha, il-piena ta' sitt xhur prigunerija (erba' xhur jekk tnaqqas il-one-third remission for good conduct) x' aktarx igibu fix-xejn dak kollu li l-appellat irnexxielu jikseb sa issa, u dan bi hsara mhux biss ta' l-istess appellat izda wkoll tas-socjeta` li fiha l-appellat illum jinsab integrat pjenament bhala membru onest u biezel. Kif inghad, din il-Qorti ghandha idejha marbuta kwantu ghall-piena. Pero` f' kaz eccezzjonali xejn ma jzomm lil din il-Qorti milli tirrakkomandal-uzu tal-prerogattiva tal-mahfra. Fil-fehma kunsidrata ta' din il-Qorti, l-appellat ghandu jservi biss gimgha prigunerija – b' hekk jigi saldat id-dejn li huwa ghandu mas-socjeta` fir-rigward ta' l-att ta' traffikar li huwa*

*wettaq – u ghalhekk il-Qorti sejra llum stess tirrakkomanda lill-awtorita` kompetenti li, hlief ghall-imsemmija gimgha, il-kumplament tal-piena ta' prigunerija jinhafer."*

Illi *inoltre* ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>' Il-Pulizija vs. Terry Graham' </u>**, deciza nhar il-25 ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn allavolja l-Qorti sabet htija tal-appellant ghall-akkuza ta' traffikar irriteniet:

*"Illi l-fedina penali tal-appellant tindika li l-ahhar darba li hu gie misjub hati f' dawn il-Qrati kien fl-10 ta' Ottubru, 2005 fuq incident, dwar il-pussess ta' droga, li jmur lura ghall-20 ta' April, 2000. Ovvjament, hemm dan l-appell li jirrigwarda incident li gara fl-1 ta' Marzu, 2008. Ghalhekk, fuq medda ta' tmien snin dan hu t-tieni kaz li ghandu l-appellant. Illum, l-appellant qed jahdem bi profitt u mix-xhieda ta' l-imghallem tieghu johrog messagg pozittiv li dina l-Qorti ma tistax ma tiehdux in konsiderazzjoni. Jekk verament irridu r-riforma ta' bniedem li hu mahkum mill-vizzju tad-droga t-triq li tghaddi mill-habs ma tizra ebda riforma fih. Irridu nkunu ta' idejat wiesghin u nghinu, f' dan il-kaz lill-appellant, biex dawn in-nies jistghu jiehdu posthom fis-socjeta' u ma jigux konsiderati bhala theddida lis-socjeta' .*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tal-appellant Terry Graham u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, din il-Qorti thassar u tirrevoka l-piena erogata minn din il-Qorti fejn ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' tmintax il-xahar prigunerija u multa ta' elf u mitt euro (€1,100) u minflok wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum."*

Ikkunsidrat,

Illi nhar l-15 ta' Novembru, 2013 xehed l-allura Spettur Dennis Theuma u kkonferma li nhar l-24 ta' April 2012, PC 1474 Lawrence Scerri kien skorta ma inmate Emmanuel Pace. Waqt li dan kien qed jistenna li ssir il-kawza tieghu quddiem l-allura Magistrat illum Imhallef, Antonio Mizzi, PC 1474 osserva lill-appellanti tghaddi xi haga lil Emmanuel Pace. Fil-fatt irrizultatlu li dan PC 1474 Pace intervjena minnufih u minn idejn Emanuel Pace ha dak li allegatament kienet ghadha kif ghaddietlu Lyndsey

Zammit u cioe zewg bicciet zghar ta sutanza kannella allegatament reza mremblin go tissue.

Fil-fatt ighid li huwa kien il-Qorti duty officer fid-Drug Squad u gie mgharraf b'dak li kien gara u minnufih mar hemmhekk u ha hand over. Saret tfittxija fuq il-persuna ta' l-appellanti u fil-hand bag taghha instab roach li giet elevata minn WPS 136 u wara l-appellant tnizzlet fil-kwartieri Genreali tal-Pulizija ghal iktar investiazzjoni flimkien ma Emanuel Pace . Meta giet mistoqsija x'kienet ir-raguni ghalfejn kienet il-Qorti qalet li kienet ma habiba taghha certu Maryrose Ceci u li kienet qed tistenna il-kawza tal-kugin taghha. Qalet li kienet marret ukoll il-Qorti biex tigbor affidavit tal-kugin taghha Michael Portelli li dak iz-zmien kien qed jiskonta sentenza ta' prigunerija fuq taffikar ta' droga.

Meta Lindsey Zammit giet mistoqsija jekk kienitx taf lil Emmanuel Pace tghid li ma kienitx tafu u cahdet ukoll li l-boyfriend taghha Michael Portelli kien taha struzzjonijiet biex tghaddi lil Emmanuel Pace l-allegata sustanza mertu ta' din l-investigazzjoni.

Ghar rigward ir-roach misjuba fil-pusess tal-appellanti qalet li mhiex roach imma sempliciment sigarett tal-brim. In fatti minn investigazzjonijiet ulterjuri li ghamlet il -pulizija irrizulta li f'dak il-perijodu ta' zmien Emanuel Pace li allegatament ircievva is-sustanza allegatament raza tal- cannabis minghand l-appellant Zammit kien qed jinzamm gewwa ic-CCF fl-istess dormitorju flimkien ma Michael Portelli.

Gie mtikellem ukoll Emanuel Pace fit-18 ta' Lulju 2012 u dan irilaxxja stqarrija fejn cahad kategorikament li kien inghata xi haga minghand l-appellanti u qal ukoll li l-cannabis mertu ta' din il-kawza kienet thalliet fuq il-bank gewwa Awla 2 minghand xi hadd li hu ma kienx jaf min hu.

Ikkonferma li kien jaf lil Michael Portelli imma cahad li kellu xi involviment ma l-istess. Effettivament imbaghad a bazi tal-provi fil-pusess tal-pulzija Emmanuel Pace gie akkuzat u hemm proceduri pendent fil-konfont tieghu akkuzat bil-pussess ta' din is-sustanza. L-appellanti giet akkuzata bi traffikar ta' l-istess sustanza.

Dwar l-allegat roach, mill-investigazzjoni li ghamlet il-pulizija irriuzlta li fil-fatt dak ma kellu xejn ta' natura illegali. Huwa gharaf l-istqarrija tal-appellanti esebita a fol. 4 tal-process u kkonferma li din giet rilaxxjata wara li l-istess appellant inghatat id-

drittijiet kollha li tippermettil-ligi. In sintesi tghid li l-appellanti nnegat li hija ghaddiet xi haga lil Emanuel Pace kif allega PC 1474 Lawrence Scerri.

Nhar il-21 ta Frar 2014, l-allura spettur Dennis Theurma rega xehed u esebixxa is-sustanza li allegatament giet mghoddija lil Emmaneul Pace mill-appellanti u din giet markata bhala dok DT.

Spjega li dan id-dokuemnt kien gie mghoddi lilu minn PC 1474 Lawrence Scerri dak inhar li nstab l-Qorti fl-24 ta' April 2012 u is-sustanza kienet tikkonsisti f'zewg bicciet zghar sustanza cannabis go l-istretch and seal.

Dan PS 1474 Scerri spjegalu li kien skorta ma Emmanuel Pace u kien ra lill-appellanti tghaddilu dan id-document. Ikkonfemra li s-sustanza instabet f'idejn Emmanuel Pace.

Jghid li it-tezi tal-prosekuzzjoni kienet li l-appellanti ghaddiet dan id-dokuemnt lill Emmanuel Pace sbiex imbaghad jghaddih lil partner tal-appellant certu Mciahel Portelli.

Jghid li l-appellanti innegat l-involvement taghha f'din l-allegat traffikar ta' sustanza raza tal-cannabis. Cahdet li kient taf lil Emmanuel Pace u li d-droga keint destinata ghal Michael Portelli.

PC 1474 Lawrence Scerri xehed fl-istess jum tal-21 ta' Frar 2014 u kkonferma li fl-24 ta' April, 2012 huwa kien qieghed xoghol skorta ma prigunier. Kien imissu ttella lil Emmanuel Pace fl-awla numru 2. Huwa tela' mieghu fl-Awla u indiaklu fejn kellu jpoggi. Jghid li fil-pront ra lil Emmanuel Pce ighamel sinjal lil wahda biex tigi tppoggi hdejh u dak il-hin qal li haseb li hemm xi haga mhux normali. Qal li dak il-hin kien bil-wieqfa hdejn is-Sur Pace. Ra lill-appellanti tpoggi u raha tghaddi karta bajda qisha tissue jew toilet paper f'idejn is-sur Pace. Dak il-hin talab lis-Sur Pace jghaddilu dak li kellu f'idu u qallu 'X'ghandek f'idejk? 'X tatek?'u wiegbu 'xejn Sir'. Qallu 'iftah idejk'. Rega qallu 'xejn sir' u qallu biex jiftah idejh u fetah idejh u ra li kellu karta bajda f'idejh. Hadha u fetahha u ra qisu stretch and seal hekk imdawwar. Huwa fid-droga ma jifhimx izda assuma li kient droga. Huwa infurma lill-ispettur Theuma bl-istharrig tieghu. Dak il-hin l-appellanti qaltlu 'ahfirli Sir, ahfirli tfal ghandi.' Huwa wegibha' sinjura jien qed naghmel xoghli, jien ghandi familja bhalek u ma nistax naghmel dawn l-affarijiet jien' u wara halla l-investigazzjoni f'idejn l-allura spettur Dennis Theuma.

Muri id-dokument DT ighid li tfakru fid-dokument li eleva minghand Emmanuel Pace u li ghadda lill-allura spettur Dennis Theuma.

Rat id-digriet ta' l-ewwel Qorti datat 21 ta' Frar ,2014 fejn fuq talba tal- prosekuzzjoni innominat lill-espert forensiku Spizjar Godwin Sammut sabiex jezamina u janalizza is-sustanza esebita u markata bhala dok DT.

Illi fl-1 ta Lulju 2014 xehed l-espert Godwin Sammut u kkonferma li kien gabar envelope markat bhala SB/134/2014 u analizza il-kontenut tieghu. Qal li s-sustanza kienet ta' lewn kannella u tat rizultat posittiv ghal presenza ta' tetrahydrocannabinol u li kellha piz ta' 3.07 grammi u purita ta circa 7%. Huwa pprezenta r- rapport tieghu li gie markat bhala dok GS.

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2014 id-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq bhala xhieda lil WPS 297 Ryan Spiteri u WPS 296 Miriam Spiteri sabeix jikkinfermaw il volontarjeta' tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellanti.

CO 58 Daniel Magro xehed fis-7 ta Novembru 2014, u kkonferma li fl-24 ta' April 2012 huwa kien gie bhala rappresentant ta' CCF sabiex jikkonferma li Michael Portelli u Emanuel Pace kienu jinsabu fl-istess division. Michael Portelli kien transferred ghal new medical location mit-22 ta' Settembru 2011 sat-25 ta' April 2012 waqt li Emmanuel Pace kien fiha mit-30 ta' Jannar 2012 sal-24 ta April 2012. Ix-xhud esebixxa zewg dokumenti markati bhala dok DM u DMQ li huma zewg dokumenti mahruga mill - Correctional Office tal-habs ta' Kordin.

Emmanuel Pace xehed fis-7 ta' Novembru 2014 u kkonfemra li l-proceduri li huwa kellu in konnessjoni ma dan il-kaz illum jinsabu decizi. Stqarr li sentejn ilu kien qieghed il-Qorti u pogga bil-qeda fuq bank u sab bicca blokka. Jghid li huwa kien qieghed hemm jsitenna kaz iehor li huwa kellu ghaddej. Jghid li huwa dahal fl-awla bl-iskorta mieghu. Mistoqsi min kien bil-qeda hdejh ighid li ma jiftakarx. Qal li l-bicca blokkakient zghira u wara sar jaf li kient tar-raza tal-haxixa. Qal li l-pulizija imbghad kellmuh id-depot. Qal li meta deher il-Qorti in konnssjoni ma dan il-kaz huwa kien ammetta l-pusess tal-ismoke. Qal li dakinhar dak li kien skorta mieghu talbu jiftah idejh u ghaddijehlu dik il-bicca smoke li kien sab fuq il-bank. Lill-pulizija kien qallhom li kien sabha fuq il-bank.

L-imputata ma xehditx kif kellha kull dritt tagheml pero' rrilaxjat stqarrija nhar l-24 ta' April 2012, li jinsab esebit fl-awla a fol. 4. Ikkonfermat li hija qatt ma kellha kaz mal-pulizija, pero' tiftakar li dakinhar filghodu kienet fl-Awla numru 2 ma habiba taghha Maryrose Ceci ghaiex il-kugin taghha kellu kaz il-Qorti dak inhar. Qalet li marret maghha ghaleix kelha tmur tigbri xi affidavit mill-Qorti ukoll sabeix tghaddih lil partner taghha Michael Portelli. Qalet li kient ilha mieghu ghal ghaxar snin u li kellha tifel minnu ta' sitt snin. Qalet li Michel kien jinsab fin-new location tal-habs u li hi qatt ma marret tarah. Ikkonfermat li kien qieghed jiskonta sentenza ta' traffikar ta' droga. Skond ma qallha Michael din hija speci ta' dormitorju u c-cella ma tinghalaqx.

Mistoqsija xi tghid meta kien hemm pulizija li qal li raha tghaddi bicca tissue lil Emmanuel Pace fl-Awla tghid li tissue f'idejha vera kellha. Mistoqsija jekk hux minnu li ghaddiet tlett bicciet cannabis go bicca tissue lil Emmanuel Pace dak inhar tghid li lanqas taf min hu Pace.

Mistoqsija jekk hux minnu li Michael qallha biex tghaddi id-droga lil Emmanuel Pace biex imbaghad jghaddiha lilu stante li qedin f'dormitorju tghid li lilha Michael qatt ma semmilha l-isem ta' Emmanuel Pace. Mistoqsija jekk hux minnu li Michael ghandu problema ta' abbuz tad- droga eroina tghid li kellu pero' kemm kien ilu il-habs kien 'clean.'

Qalet li fil-baskett taghha sigarett tal-brim ikollha u ma kellhiex 'roach'. Mistoqsija jekk kienitx l-ewwel darba li pprovat idahhal id-droga il-habs twiegeb li mhux veru.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kaz nhar l-4 ta Settembru 2018 u b'mod partikolari lid-difiza tghid li l-unika prova li ghandha l-prosekuzzjoni fil-konfront tal-appellant hija ix-xhieda ta PC 1474 Lawrence Scerri li mhiex xhieda affidabbli.

Ikkunsidrat,

Illi l-fatti li taw l-lok ghal din il-kawza huma is-egwenti:-

1. Nhar l-24 ta' April 2012 l-appellanti keint fl-istess Awla bhal Emmnuel Pace li kien qieghed taht l-iskota ta PC 1474 Lawrence Scerri jsitenna sakemm tissejjah il-kawza tieghu.

2. Illi l-appellanti kient fl-awla u skond PC 1474 Pace ghamlilha sinjal biex tmur tpoggi hdejh

3. Ftit wara innota li l-appellanti ghaddiet bicca tissue u ghorkitu ghanejh.

4. Huwa talab lil Pace jiftah idejh u f'idu proprju dak il-hin instab bicca tissue u go fiha kien hemm sustanza imgezwra fl-istetch and seal.

5. Huwa informa lid-duty officer tad drogi l-allura spettur Dennis Theuma u dan l-ufficcjal kompla bl-investigazzjoni tieghu.

6. L-appellant nnegat li hija f'xi hin qatt ghaddiet xi droga lil dan Pace u Pace innega li sahansitra kien jaf min hi l-appellanti u qal li sab id-droga fuq il-bank tal-Awla.

7. Il-prosekuzzjoni irnexxilha tipprova wkoll li l-partner tal-appellanti, Michael Portelli jinsab detenut l-habs fl-istess division ma Emmanuel Pace.

8. L-appellanti cahet li l-partner taghha qatt talabha idahhalu d-doga l-habs pero' tghid li taf li kellu problema ta' abbuz ta' droga eroina pero' kien 'clean' waqt li kien il-habs.

Ikkunsdirat ultejorment,

Illi f'din il-kawza ghalhekk kollox jiddependi fuq l-prova li ghandha tressaq il-prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tkun konvinta mill-htija tal-appellant u in oltre allura x'kredibilta' trid tinghata lil PC 1474 Lawrence Scerri f'dak li qal meta jigi komparat ma dak li qal Emmanuel Pace u l-appellanti fl-istqarrija taghha.

Jinghad li l-istudju ta' onus jew ahjar tal-prova li ghandha tingieb f'kawza kriminali hija wahda mill-aktar studji profondi u fundamentali fil-ligi tal procedura penali. Certament hija wahda mill-ingredjenti essenzjali tar-regoli tal-evidenza kemm fil-kamp penali kif ukoll dik civili. Il-principji li jiirelatw ghal 'burden of proof' huma integrati. Fl-ewwel lok hemm il-presunzjoni kardinali fil-ligi penali li l-imputat huwa prezunt innocenti u dan ghandu jittiehed fil kwadru tal-maxim legali li minn jallega irid jipprova u din twassalna ghall- korrolarju li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-akkuzi taghha.

L-principju tal-innocenza ta' bniedem akkuzat isib l-isfond tieghu fil-Kostituzzjoni ta' Malta appuntu fl-artiklu 40 (5) li jiddisponi is-segwenti:-

"Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus lijkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati".

Fil-ligi penali dan il-principju huwa ingredjent vitali sabeix ikun hemm 'a fair trial'. Molto piu' meta tqis li dan hu dritt li huwa 'justifiable' u di piu' huwa ''entrenched.'

Comunque l-istess artikolu 40 (5) tal- Kostituzzjoni ta' Malta jikkontjeni proviso u cioe is segwenti:-

"Iżda ebda ħaġa li hemm fih jew magħmula skont l-awtoritàta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari."

Dan il-proviso jirreferi ghal dawk il-kazijiet eccezzjonali fejn il-ligi tobbliga lill-akuzaat sbaeix ikun hu li jipprova fatt bhal per ezempju fil-kazijiet ta' riciklagg ta' flus.

Il-presunzjoni tal-innocenza taqa' f'dik il-kategorija presunzjonijiet mgharufa bhala 'prsunzjoni juris'. Dan ghaliex din l-presunzjoni izomm ferm sakemm ikun hemm xi xhieda jew prova li tista' tikkombatti tali presunzjoni involuta. In fatti fis-sentenza Police vs Michele Borg et, Sir Augustus Bartolo ighid " Ili skond il- principji u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dawk ta' l-ingilterra u li huma strettament ta' ordine pubblico 'the accused is presumed innocent until proved guilty,"

Xi tfisser allura attwalment din il -presunjoni ta' innocenza? Tfisser li l-akkuzat hu jew ghandu jigi trattat bhal innocenti? Wara kollox dan hu l-akkzuat li jingieb il-Qorti akkzuat b'reat. It t-twegiba hi li l-akkzuat m' ghandu ghalfejn jipprova xejn izda hija l-prosekuzzjoni li ghandha tipprovva l-htija tieghu.

Il-Kodici ta Organizazzjoni u Procedura Civili jistipula fl-artikolu 562 li "Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."

Dan l-artikolu japplika ghal ligi penali u ghalhekk m'hemmx dubbju li hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova il-kaz tagha lil hinn minn kul dubbju dettat mir-raguni.

Sir Ignazio Bonavita , membru tal-Gudikatura Maltija li hu mghatuf bhal tal-awtur tal-ktieb intitolat "Soggio sulla prova gudizziarja considerate in rapport all-attuale legislazione Maltese meta jitkellem fuq il kwitjoni ta min ghandu jressaq il prova ighid is-segwenti:-

"La legge devolve il peso della prova a chi asserisce un fatto si incumbit probatio qui dicit. All'attore quindi ne gudizzi civili, al prosecutor nei criminali, income di provare fatti su sui fondi la sua azione o la accusa da luiproposta. "

Raguni ohra ghaliex din ir-regola ghandha tinzamm hi hija haga gusta li min jinvoka l-ghajnua tal-ligi jew jirrikorri lejha sbaeix issir gustizzja mieghu ghandu jipprova il-kaz tieghu. Lord Maugham fil-kaz 'Constantine Line vs Imperial Smelting corporation ighid

*"The burden of proof in any particular case depends on the circumstances on which the claim arises. In general the rule which applies is a qui affirmat non ei qui negat incumbit probatic. It is an anciet rul founded on considerations of good sense and should not be deported from without strong rasons."*

Naturalment hemm raguni prattika ghal dan ir-ragunament u cioe' li hemm diffikoltajiet kbar sabiex akkuzat jipprova punt negattiv milli wiehed posittiv. Fil-ligi ma hemm l-ebda obbligu fuq il-prosekuzzjoni li tipprova 'a negative averment'

Ghalhekk il-prosekuzzjoni f'kaz penali trid tipprova zewg affarijiet. Fl-ewwl lok trid tipprova li r-reat sehh u fit-tieni lok li kien l-akkuzat u hadd aktar mill-akkuzat li ikkometta dak l-itess reat. Hija l-prosekuzzjoni li trid ghalhekk tipprova l-htija tal-akkuzat skont il-fatti u cirkostanzi specifikati fl-akkuza u ghandha l-obbligu li tipprovha.

Generalment, l-akkuzat m' ghandu l-obbligu li jipprova xejn u hija biss f'cirkostanzi eccezzjonali li ghandu dover li jressaq xi prova, altrimenti jista' joqghod sieket. L-Imhallef Scerri fil kawza **<u>R vs Samuel Zammit</u>**[9] stqarr li "*…he has a right to stay in the place reserved for him and wait for the prosecution to proe his guilt…*" jew kif mistqarr mill-istess imhallef fil-kaz **<u>R vs Joseph Saliba</u>** [10] "*…li l-akkzuat jista joqghod kwiet fl-isbarra ta l-imputat u ma jgib l-eba prova ..*" Ghalhekk id-dritt tas-silenzju hija l- prerogattiva tal-

[9] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar l-10 ta Ottubru 1974

[10] Deciza mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar l-11 ta Novembru , 1977.

akkuzat, u ma ghandu l-edda dritt li jghid xi haga salv f'cirkostanzi eccezzjonali u ghalhekk lanqas ma jista' jigi mitlub jiehu l-pedana tax-xhieda. Din hija materja totalment rilaxjata f'idejn id-difiza, jekk l-akkzuat ghandux iressaq xi provi hu. Ghalhekk jista' jinghad li hemm certu kazijiet fejn ikun utli ghad-difiza li tressaq il-provi taghha pero' dan ma jfissirx li l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tipprovva l-htija tal-akkuzat giet mgheluba ghal fuq id-difiza.

Illi sabiex il-Qorti tasal u tara jekk effettivament l-prosekuzzjoni irnexxiliex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kul dubbju dettat mir-raguni hija ghandha taghmel apprezzament tax-xhieda prodotta u dan sabiex tara jekk minn tali xhieda l-akkuzi migjuba kontra l- appellant jirrizultawx jew le.

Kif ritenut fis-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Norbert Agius vs Anthony Vella et**[11]., inghad li:_

*"Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti"*

**Artikolu 637** tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

*"id-decizjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiggudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u tac -c irkostanzi kollha tal- kaz"*

Kif intqal minn Lord Alverstone, C.J. f'in re **R. v. Stoddart** [12]: "This Court does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced." U kif tghid Rosemary Pattenden fil-ktieb taghha **Judicial Discretion and Criminal Litigation**[13] : "*The judge must put the*

---

[11] Appell Civili Numru. 140/1991/2 -., deciz fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti

[12] (1909) 2 Cr.App.R. 217 (Archbold, Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2003, para. 7-53 p. 936

[13] OUP 1990) f'pagni 178 – 180

*'substance' of the defence, however weak, save where the accused has failed to discharge an evidential burden.* '[T]hat does not mean to say he is to piant in the details or to comment on every argument which has been used or to remind them of the whole of the evidence which has been given …[14]'

Daqstant iehor importanti huwa l-principju li *"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzat. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt ta' provi trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9 u tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmu jew ma temmnux"* (ara **Pulizija vs Joseph Thorne**[15] u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Dennis Pandolfino e***[16]***t*** Qrt. Krim fost diversi ohrajn).

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Mark Ciappara**[17] fejn gie spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti. Jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-**artkolu 638(2)** tal-Kap 9, li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilita

Infatti fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Abdellah Berrad et**[18] ingħad is-segwenti:

*"Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew*

---

[14] per Goddard LCJ, Clayton-Wright (1948) 33 Cr App R 22 p. 29

[15] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar id-9 ta Lulju 2003

[16] Deciz mill-Qorti tal Appelli Kriminali nhar id1-9 ta Ottubru 2006

[17] mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002

[18] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014

*aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilta'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru w oll li provi indi jarji jridu jigu e aminati b'a tar atten joni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci".*

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Elenkati dawn il-fatti, l-ewwel Qorti ghazlet illi temmen lill-ufficjali tal-Pulizija PC 1474 Lawrence Scerri u mhux il-versjoni moghtija mill-appellanti fl-istqarrija taghha. L-**artikolu 637** tal-Kodici Kriminali jaghti din il-fakolta' lill-Qorti. Issa meta l-Qorti tasal biex tghazel bejn verzjoni u ohra, naturalment jittiehdu in konsiderazzjoni id-diversi parametri fosthom il-komportament tax-xhieda biex wiehed jara kemm dak li qed jghidu ghandu mis-sewwa jew le.

X'inhuma il-provi imressqa mill-prosekuzzjoni f'dan il-kaz?

**Emmanuel Pace** jiddikajra fix-xhieda tieghu li nhar l-24 ta April 2012 vermaent kien fl-Awla tal-allura Magistat Antonio Mizzi jistenna l-kaz tieghu. Jghid li fuq bank fl-istes Awla sab 'bicca dorga'. Jghid li huwa veru li mieghu skorta kien hemm persuna wahda. Li veru pogga bilqieghda fuq bank. Li vera l-ufficjal tal-iskorta staqsih dak il-hin stress x'kellu f'idu u dak il-hin u ghaddielu dak li kellu f'idu. Jghid ukol li ghadda process kriminali fuq pusess ta' din id-droga u kien irregistra ammissjoni quddiem il-Qorti.

**PS 1474 Lawrence Scerri** jghid li kien skorta ma Emmanuel Pace fl-Awla tal-allura Magistrat illum Imhallef Dr Antonio Mizzi meta Emmanuel Pace kien bilqegdha fuq bank u ghajjat tfajla li irrizulta li kienet l-appellanti li kien hemm fl-istess Awla u raha

tghaddi xi haga zghira f'tissue f'idejn dan Pace u minnufih intervjena u talab lil Pace tingahta lilu.

L **Ispizjar Godwin Sammut** xehed u kkofnerma li l-oggett li gie mghoddi lilu kient droga f'ammont zghir ta 3.07 grammi b' puritá ta' 7%u li kienet sustanza Tetrahydrocannabinol li hija kkontrollata bil-ligi

L-appellanti ma xehditx kif kellha kul dritt pero' irrilaxjat stqarrija u f'din l-istqarrija tikkonfermali kient fl-Awla numru 2 tal-allura Magistrat illum Imhallef Antonio Mizzi flimkien mal-habiba taghha Maryrose Ceci jsitennew l-kaz tal-kugin ta' Ceci. Pero' lil Ceci ma gietx ingunta bhala xhud biex tikkolobora lill-appellanti.

Mistoqsija jekk il-partner taghha Michael Portelli kienx fl-istess dormitorju ta' Emmanuel Pace twiegeb fl-affermattiv pero' tghid li lil Pace ma tafux. Tikkonfemra ukoll li l Portelli ghandu problema ta' abbuz ta' droga u kien ghalhekk li kien il-habs. Mistoqsija jekk ghadditx xi droga lil Pace twiegeb fin-negattiv. Pero' tikkonferma li verament f'idha dak il-hin fl awla kellha tissue.

Illi d-difiza targumenta li l-prosekuzzjoni ma resqitx l-ahjar prova u dan ghaliex ma talbitx li isir komparazzjoni bejn l impronti digitali tal-appellanti ma xi impronti li setghu instabu fuq id-dokument mghoddi lill- ispizjar Sammut. Dwr dan jinghad bir-rispett li ma kienx hemm bzonn li jsir tali komparazzjoni u dan ghaliex il-prosekuzzjoni kellha f'idejha xhud okulari li ra l-incident li xehed b'mod konsistenti u spjega pass pass bla esitazzjoni dak li kien gara fil-jum tal-24 ta' April, 2012 fl-Awla numru 2. Tali prova kient tkun necessarja li kieku hadd ma ra d-dokument jghaddi minn idejn l-appellanti ghall-idejn Emmanuel Pace li mhux il-kaz.

Id-difiza tghid ukoll li l-prosekuzzjoni lanqas ma esebiet xi filmati minn xi CCTV cameras li hemm fil-Qorti. Jinghd li fl-awli tal-Qrati sa fejn hi nfurmata din il-Qorti ghad ma hemmx CCTV cameras installati salv ghal dik li hemm fl-awla Kriminali fit -tieni sular fil-bini tal-Qorti u ghalhekk anke tali ipotesi ma ssibx konfort f'widen il-Qorti.

Illi ghalhekk fid-dawl tas-suespost il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandiex ghalfejn tiddisturba id-diskrezzjoni mehuda mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-apprezament ta' xhieda stante li taqbel li ix-xhud PC 1474 Lawrence Scerri huwa xhud kredibbli, konsistenti u stqarr is-sewwa. Ma kellux ghalfejn jivvinta storja. Filwaqt li l-appellanti

kellha raguni ghaliex ma tghidx is-sewwa kollu u dan ghaliex b'dak li qalet ittentat tevita dawn il-proceduri kif kellha kul dritt li taghmel.

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li dwar il-mertu qeghda tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma is-sentenza appellata.

Dwar il-piena errogata mill-ewwel Qorti, id-difiza tghid li din kienet ecessiva wisq fic-cirkostanzi stante li ghaddew sitt snin mill-jum tar-reat, id-droga misjuba kienet de minimis, circa 3 grammi b'purita baxxa hafna ta' 7% kif ukoll il-fatt li l-appellanti ghandha fedina penali netta.

Pero' min naha l-ohra l-Qorti ma tista' ma tghatix kaz il fatt li dan it-traffikar sar proprju fil-bini tal-Qorti u hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti m'hix ser tapplika l piena fil-minimum taghha minkejja li l-ammont ta droga msijuba kien zghir.

Minhabba prorpju dawn l-istess ragunijeit mghotija mid-difiza fir-rikors tal-appell taghha din il-qorti ser tvarja il-piena inflitta.

Ghalhekk filwaqt li qieghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fir-rigward tal-mertu u ghalhekk tiddikjara li qed issibha hatja tar-reat ta' traffikar ta' droga pero' stante c-cirkostanzi kif fuq spejgati qeghda timmodifika s-sentenza fir-rigward tal-piena, thassarha fil-parti fejn l-appellanti giet ikkundannatha ghal-piena ta' ghall-piena ta' ghaxar (10) xhur prigunerija effettiva u multa ta' disa' mija u hamsin ewro (€950) u minflok tikkundannaha ghal prigunerija ta' tmien xhur efettivi u multa ta' hames mitt euro (€500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hatja f' rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mil-lum. B' dan illi jekk il-hatja tonqos milli thallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit f' piena ta' prigunerija skont il-ligi.

Qeda ukoll tikkonferma dak ordnat mill-ewwel Qorti li ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-hatja ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f' dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnesi mal-hatra tax-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti ghas-somma ta' mija, hamsa u hamsin ewro, sebgha u erbghin centezmu (€155.47), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hatja fi zmien xahrejn mil-lum.

Qeda ukoll tikkonferma dak ordnat mill-ewwel Qorti fejn ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dokument DT, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur